# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2020**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1153/2019 JVC**

**Gabriel Johnson Akerhomebe**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Gabriel Johnson Akerhomebe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'Illi l-esponent huwa iben il-mejtin Ugbhuru Akerhomebe u Comfort Akerhomebe, it-tnejn cittadini tan-Nigerja, u twieled minnhom nhar l-1 ta' Jannar 1975 gewwa Isiokole, Ethiope East Local Government Area, Delta State, Nigerja;

Illi il-karta' tal-identita' attwali tal-esponent tirrifletti sew dan il-fatt (vide kopja annessa u mmarkata '**Dok. A**');

Illi meta l-esponent applika ghall-protezzjoni temporanja uminatirja (THP), nhar it-**2 ta' Novembru 2010**, huwa iddikjara mal-Kummissarju tar-Refugjati illi l-*country of origin tieghu* kienet is-Sierra Leone izda korrettement iddikjara illi l-*country of habitual residence* tieghu kien in-Nigerja u kif ukoll li c-cittadinanza tieghu, sijja fit-twelid u prezentement, kienet Nigerjana (vide '**Dok. B**');

Illi jista' jkun semplici frott ta' dik id-dikjarazzjoni erroneja illi l-Post tat-Twelid tal-esponent kif indikat fic-certifikat taz-zwieg tieghu ma' Charlene Zammit (Certifikat bin-Numru Progressiv 239/2011) huwa 'Freetown, Sierra Leone' minflok 'Isiokole, Nigeria' (vide certifikat taz-zwieg anness u mmarkat '**Dok.C**';

Illi in sostenn tal-fatt illi l-esponent twieled u huwa ta' nazzjonalita' Nigerjana huwa qed jannetti s-segwenti dokumenti ulterjuri:

- **'Dok. D'** – Kopja tac-Certifikat ossijja 'Attestation of Birth' mahrug minn-National Population Commission inkluz ukoll mieghu affidavit tal-kugin tal-esponent li fih jiddikjara li l-esponent twieled fin-Nigerja minn genituri Nigerjani; u

- **'Dok. E'** – Kopja tal-Passaport Nigerjan tal-esponent

Illi l-esponent ghandu kull interess illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni sabiex il-post tat-twelid tieghu jigi korrettement indikat kemm fic-Certifikat taz-Zwieg tieghu bin-numru Progressiv 239/2011 u kif ukoll f'kull att tal-istat civili tieghu u ta' uliedu.

Illi l-esponent minn issa jiddikjara li qed jaccetta illi l-intimat Direttur ma ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-procedura.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna;

1. Tiddikjara li l-post u l-pajjiz tat-twelid tal-esponent huma Isiokolo, Nigeria.

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att taz-zwieg tal-esponent bin-numru progressiv 239/2011, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega f'dan il-att u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti, inkluz fic-certifikati tat-twelid tat-tlett (3) uliedu Ayden Akerhomebe (Certifikat Numru 3553/2009); Onanefe Akerhomebe (Certifikat Numru 1585/2011); u Rukevwe Akerhomebe (Certifikat Numru 4569/2012) sabiex il-post u l-pajjiz tat-twelid tal-esponent jigu indikati bhala Isiokolo, Nigeria;'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi fil-mertu, l-esponenti jissottometti li hi ma huwiex edott mill-fatti li gew indikati fir-rikors guramentat;

2. Illi l-esponenti umilment jirrileva li ma jirrizultax mill-Att taz-Zwieg tar-rikorrent bin-numru progressiv 239 tas-sena 2011, mill-Att tat-Twelid ta' Ayden Akerhomebe bin-numru progressiv 3553 tas-sena 2009, mill-Att tat-Twelid ta' Onanefe Akerhomebe bin-numru progressiv 1585 tas-sena 2011 u mill-Att tat-Twelid ta' Rukevwe Akerhomebe bin-

numru progressiv 4569 tas-sena 2012, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 1', 'Dok. DRP 2', 'Dok. DRP 3', 'Dok. DRP 4', rispettivament, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponenti, u dan kif ser jigi spjegat segwentament;

3. Illi meta r-rikorrent applika ghat-tnidijiet taz-zwieg, huwa flimkien ma' martu Charmaine Akerhomebe gja Zammit, fornew lid-Direttur konvenut numru ta' dokumenti, hawn annessi u mmarkati komplessivament bhala 'Dok. DRP 5'. F'dawn id-dokumenti jigi kkontestat illi r-rikorrent dejjem iddikjara illi huwa twieled gewwa 'Sierra Leon'. Ghaldaqstant, id-Direttur konvenut nizzel l-istess dettalji fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrent u dan stante li din kienet l-informazzjoni li giet mghoddija lilu. Maghdud ma' dan, ghandu jigi sottolinejat illi r-rikorrenti stess iffirma fuq l-Att taz-Zwieg, fejn bl-istess ikkonferma li d-dettalji in kwistjoni huma korretti;

4. Illi fir-rigward tal-minuri Onanefe u Rukevwe, ahwa Akerhomebe, id-Direttur jirrileva illi dawn huma l-ulied tar-rikorrent u martu Charmaine Akerhomebe. Meta twieldu l-imsemmija minuri nhar id-29 ta' April 2011 u 30 ta' Settembru 2012, rispettivament, kien proprju r-rikorrenti li ddikjara t-twelid tal-minuri mad-Direttur konvenut. Ghaldaqstant ir-rikorrenti kien forna lid-Direttur bl-informazzjoni necessarja sabiex it-twelid ta' uliedu jigu registrati skont il-ligi. Mill-Atti tat-Twelid tal-istess minuri dan jirrizulta b'mod car permezz tal-firma tar-rikorrenti li tikkonferma li huwa ddikjara u kkonferma li d-dettalji kienu korretti. Dan ikompli jigi kkorraborat permezz tad-dokumenti tat-twelid mahruga mill-isptar Mater Dei fir-

rigward taz-zewg minuri, liema dokumenti jinsabu hawn annessu u mmarkati bhala 'Dok. DRP 6' u 'Dok. DRP 7 ', rispettivament;

5. Illi min-naha l-ohra u fir-rigward tal-minuri Ayden Akerhomebe, id-Direttur konvenut jirrileva illi tali minuri twieled lir-rikorrenti u lil Ramona Alouzi, nhar is-17 ta' Ottubru 2009. In vista tal-fatt li fil-mument li twieled il-minuri, Ramona Alouzi kienet mizzewga lil Said Ahmed Mohamed Alouzi, il-minuri fil-bidu gie rregistrat bhala iben zewg Ramona Alouzi. Madanakollu r-rikorrenti intavola azzjoni fil-Qorti tal-Familja, bin-numru 101/2010 NC, sabiex l-Att tat-Twelid tal-minuri jigi korrett fis-sens li l-isem u l-konnotati kollha ta' zewg Ramona Alouzi jigu sostitwiti b'dawk tar-rikorrenti. Fil-fatt il-Qorti tal-Familja, nhar it-28 ta' April 2011, laqghat it-talbiet attrici skont is-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 8', u dan wara li hadet in konsiderazzjoni *inter alia* ta': (i) l-allegazzjoni ta' Ramona Alouzi li r-rikorrenti ghandu identita' falza, u (ii) n-nota guramentata tar-rikorrenti fejn iddikjara illi huwa mwieled gewwa 'Freetown, Sierra Leon'. Ghaldaqstant, meta giet irregistrata s-sentenza in kwistjoni, l-Att tat-Twelid ta' Ayden Akerhomebe gie korrett u d-dettalji tar-rikorrenti gew inseriti inkluz il-post fejn twieled ir-rikorrenti;

6. Illi fid-dawl tal-premess, id-Direttur konvenut huwa tal-fehma illi huwa dejjem mexa skont kif spettat minnu u l-ufficcjali tad-Dipartiment rregistraw l-informazzjoni skont kif din kienet pprovduta lilhom. Ghaldaqstant, ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha tad-Dipartiment;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti jirrimetti ruhu salv illi jingiebu provi konvincenti illi r-rikorrenti verament twieled gewwa n-Nigerja;

8. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.'

Rat l-affidavits, kopja tal-'attestation of birth', kopja tal-passaport tar-Repubblika tan-Nigeria, ritratti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-17 ta' Dicembru, 2019 saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif mitluba mil-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 17 tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2020 il-kawza in difett'ostacolo thalliet ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat illi fil-mori tal-kawza ma tqajjem l-ebda ostaklu;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur Gabriel Johnson Akerhomebe ppremetta li huwa iben il-mejtin Ugbhuru Akerhomebe u Comfort Akerhomebe, t-tnejn cittadini tan-Nigerja u twieled minnhom nhar l-1 ta' Jannar, 1975 gewwa Isiokole, Ethiope East Local Government Area, Delta State, Nigerja. L-attur jiddikjara li meta applika ghall-protezzjoni temporanja umanitarja fit-2 ta' Novembru, 2010 huwa ddikjara lill-Kummissarju tar-Refugjati li l-'country of origin' tieghu hija Sierra Leone, filwaqt li bhala l-'country of habitual residence' ddikjara li hija n-Nigeria, kif ukoll ic-cittadinanza tieghu kemm fit-twelid u prezentament kienet Nigerjana. Ghalhekk fic-certifikat taz-zwieg tieghu bin-numru progressiv 239 tas-sena 2011 u fic-certifikat tat-twelid ta' wliedu Ayden Akerhomebe bin-numru progressiv 3553 tas-sena 2009, Onanefe Akerhomebe bin-numru progressiv 1585 tas-sena 2011, u Rukevwe Akerhomebe bin-numru progressiv 4569 tas-sena 2012 il-post u l-pajjiz tat-twelid gew indikati bhala dawk ta' Freetown, Sierra Leone flok Isiokolo, Nigeria. Ghaldaqstant talab li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fil-post u pajjiz tat-twelid tieghu u sabiex il-Qorti tordna li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fl-atti ndikati minnu.

Illi min-naha tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sostna fl-ewwel lok li hu m'huwiex edott mill-fatti. Eccepixxa li mill-att taz-zwieg u mill-atti ta' twelid tal-minuri wliedu ma jirrizultax li sar xi zball jew saret xi ommissjoni da parti tieghu. Id-Direttur intimat sahaq li meta r-rikorrenti applika ghat-tnedijiet taz-zwieg flimkien ma' martu Charmaine Akerhomebe gja Zammit huma fornew numru ta' dokumenti minn fejn irrizulta li r-rikorrenti dejjem iddikjara li huwa twieled fi Sierra Leon b'dan li d-Direttur intimat mexa billi rregistra d-dettalji li gew lilu moghtija. Jecepixxi wkoll li kemm fl-att taz-zwieg kif ukoll f'dawk ta' twelid ta' tnejn minn uliedu huwa ffirma u kkonferma d-dettalji bhala korretti. Fir-

rigward l-att tat-twelid ta' ibnu Ayden Akerhomebe d-Direttur intimat sostna li dan kien gie rregistrat fuq Said Ahmed Mohamed Alouzi stante li omm il-minuri Ayden dak iz-zmien kienet mizzewga lilu madanakollu b'azzjoni fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 101/2010 NC permezz ta' decizjoni tat-28 ta' April, 2011 il-minuri kien gie rikonoxxut bhala iben l-attur. Dan wara li l-Qorti kienet hadet in konsiderazzjoni l-allegazzjoni ta' Ramona Alouzi li l-attur ghandu identita' falza u n-nota guramentata tar-rikorrenti fejn iddikjara li huwa mwieled fi 'Freetown, Sierra Leon'. Id-Direttur jammetti li eventwalment ic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent gie korrett ghal dak li huwa l-post u l-pajjiz tat-twelid tar-rikorrent u li dan issa juri appuntu l-post li qed jindika r-rikorrent fil-kawza odjerna. Id-Direttur intimat sahaq li fid-dawl tal-premess huwa dejjem mexa skont kif spettat minnu u ma kien hemm l-ebda nuqqas min-naha tad-Dipartiment. Id-Direttur intimat ippremetta wkoll li fejn jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti jirrimetti ruhu salv li jingiebu provi konvincenti li l-attur verament kien twieled fin-Nigerja. Finalment ghalaq billi eccepixxa li huwa m'ghandux ibati spejjez stante li l-azzjoni mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parte tieghu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali u fattwali:</u>**

Illi l-attur Gabriel Johnson Akerhomebe qed jitlob li ssir korrezzjoni fl-Att taz-Zwieg tieghu bin-numru progressiv 239 tas-sena 2011 u f'Atti tat-twelid ta' uliedu Ayden Akerhomebe bin-numru progressiv 3553 tas-sena 2009, Onanefe Akerhomebe bin-numru progressiv 1585 tas-sena 2011, u Rukevwe Akerhomebe bin-numru progressiv 4569 tas-sena 2012 ai termini tal-Artikolu 253 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) fis-

sens illi l-post u l-pajjiz tat-twelid tieghu jigu ndikati bhala dak ta' Isiokolo, Nigeria flok dawn ta' Freetown, Sierra Leone.

Illi l-attur fl-affidavit tieghu a fol. 50 *et seq* tal-process jispjega li huwa jifforma parti mit-Tribu tal-Urhobo li hija lokalizzata fis-southern Nigeria u hija kkunsidrata bhala wahda mill-ikbar gruppi etnici fl-Istat ta' Delta. Huwa pprezenta ritratti li jikkonsistu (i) fir-ritratt ta' ommu li gie stampat fuq l-'obituary' taghha fejn huwa spjega li l-hwejjeg li hija libsa jindikaw li hija mill-grupp etniku ta' Urhobo (fol. 52 tal-process), (ii) ritratt tieghu ma' ommu mehud fin-Nigeria (fol. 53 tal-process), kif ukoll (iii) screen shot minn fuq il-mobile li jindikaw li huwa ha ghaxar (10) ritratti mehuda fi Isiokolo, Delta State of Nigeria fol. 54 u fol. 55 tal-process). Fid-deposizzjoni tieghu huwa wkoll taha r-raguni ghaliex skont hu ndika l-post u l-pajjiz tat-twelid tieghu zbaljati u jghid li huwa ghamel hekk minhabba li beza' li jigi deportat lura fin-Nigeria:

> '…I was born in Freetown, Sierra Leone and that my father Richard was also from Sierra Leone, but this a mistake which I sincerely regret and which I had made purely out of fear that I would be deported back to Nigeria.'

Illi l-attur ipprezenta dokumenti ohra in sostenn tal-fatt tal-post u l-pajjiz ta' twelid tieghu, u cioe':

(i) Kopja ta' certifikat ossija 'Attestation of Birth' mahrug minn National Population Commission li mieghu hemm ukoll anness affidavit tal-kugin tieghu bl-isem ta' Arudture Osadebe fejn hemm iddikjarat li r-rikorrenti twieled fin-Nigeria minn genituri Nigerjali (a fol. 11 *et seq* tal-process); u,

(ii) Kopja tal-passaport Nigerjan tieghu (a fol. 13 tal-process).

Il-Qorti rat ukoll li l-permezz ta′ residenza mahrug mill-Awtoritajiet Maltin lir-rikorrenti ukoll tindika l-post tat-twelid tar-rikorrent korrett (ara fol. 5 tal-Process) kif qed jitlob ir-rikorrent.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita′ tiltaqa′ ma′ sitwazzjoni simili f′kawza ohra, b′mertu differenti, fejn immigranti konsegwemza ta′ biza′ li jergghu jigu deportati lura lejn pajjizhom iddikjaraw post u pajjiz ta′ twelid taghhom differenti minn dak reali. Ghalkemm dan l-agir jibqa′ dejjem censurabbli, fl-istess hin wiehed jifhem is-sitwazzjoni kerha li jkunu fiha dawn l-individwi u c-cirkostanzi li jistghu jwassluhom sabiex jaghmlu dan.

Illi kkunsidrat li mid-dokumenti esebiti jirrizulta li r-rikorrenti verament huwa mwieled f′Isiokolo, Nigeria u mhux Freetown, Sierra Leone l-Qorti taqbel li dan il-bdil ghandu jigi rifless fl-Att taz-Zwieg tar-rikorrent kif ukoll fl-Att tat-Twelid ta′ wliedu dan anki sabiex ma jkunx hemm konfuzjoni dwar l-identita′ kemm tal-attur u wkoll ta′ wliedu u dan huwa wkoll fl-interess pubbliku. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll il-fatt li d-Direttur intimat fis-seba′ eccezzjoni tieghu rrimetta ruhu salv li jingiebu provi konvincenti li r-rikorrenti verament twieled fin-Nigerja. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li ghandha tghaddi sabiex tilqa′ t-talbiet tal-attur.

**<u>Spejjez:</u>**

Fir-rigward l-kap ta′ l-ispejjez, d-Direttur intimat fit-tmien eccezzjoni tieghu sahaq li huwa m′ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez stante li l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parte tieghu.

Illi jirrizulta li fir-rikors guramentat intavolat fil-5 ta' Dicembru, 2019 l-attur iddikjara li '…qed jaccetta illi l-intimat Direttur ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura.' Ikkunsidrat ukoll li huwa minnu li l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal ghemil tad-Direttur intimat stante li r-rikorrenti nnifsu ammetta li huwa ghazel li jnizzel l-post u pajjiz tat-twelid tieghu bhala dak ta' Freetown, Sierra Leone sabiex ma jigix deportat l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-post u l-pajjiz tat-twelid tal-esponent huma Isiokolo, Nigeria;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att taz-zwieg tar-rikorrent bin-numru progressiv 239 tas-sena 2011, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega f'dan il-att u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti, inkluz fic-certifikati tat-twelid tat-tlett (3) uliedu Ayden Akerhomebe (Certifikat Numru 3553/2009); Onanefe Akerhomebe (Certifikat Numru 1585/2011); u Rukevwe Akerhomebe (Certifikat Numru 4569/2012) sabiex il-post u l-pajjiz tat-twelid tal-esponent jigu indikati bhala Isiokolo, Nigeria.

Bl-ispejjez kollha a kariku tal-attur.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja

tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Dicembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru, 2020**